Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 – Il-Ħamis 16 ta' Frar 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu ma' Pamela Pierotti minn Tolfa fejn stiednet lill-Kunsill tagħna sabiex jipparteċipa fi proġett tal-Unjoni Ewropea flimkien magħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa.

3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal post f'Iceland, bl-isem ta' Grindavik li għandu ħafna karettistici li jaqblu mal-lokalita' t'Għajnsielem fosthom il-Blue Lagoon. Huwa qal li għandu sors ta' kuntatti tajbin mas-sindku ta' dan il-post u wera x-xewqa li

jibdew xi kuntatti ma' dan il-post. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu email u nibdew minn hemm.

## 4.0 Komunikazzjoni mis-Segretarja

4.1 Is-Segretarja rreferiet għall-ittra ta' petizzjoni li preżentaw xi residenti minn Triq Hamri rigward l-inkonvenjent li qed isoffru permezz ta' permessi frekwenti ta' crane għall-użu tal-iżvilupp li qed isir fil-Grand Hotel. Is-Segretarja semmiet li bħala Kunsill ħa l-miżura li ma jagħtix permessi aktar minn darbtejn fil-ġimgħa biex jimminimizza l-inkonvenjent u li l-permessi li jingħataw qed ikunu bejn il-ħin tas-7am u s-7pm. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat dan l-ilment lil Building Regulations Organisation fejn nitolbuhom jivverifikaw l-ilment u jieħdu l-azzjonijiet neċessarji. Ġiet diskussa wkoll il-possibilita' li jintuża Tower Crane flok mobile crane.

4.2 Is-Segretarja għamlet ukoll referenza għal-laqgħa li kellha flimkien ma' Dott. Salvatore Mancarella tal-Provincia di Siracusa dwar il-possibilita' li jsieħeb lill-komunita' ta' Għajnsielem fi proġetti magħhom taħt l-Italia Malta. Sar qbil li għandna nifthu aktar id-diskussjonijiet miegħu.

4.3 Is-Segretarja rreferiet ukoll għall-problema li nqalgħet din il-ġimgha fejn il-Kunsill irċieva kont kbir tad-dawl u l-ilma fuq il-meter ta' Bethlehem f'Għajnsielem fejn normalment dan kien jiġi ammonti żgħar ħafna u issa gie €2980. Hija semmiet li mall-ewwel inkarigat l-Inġinier ta' Galeacurmi biex jiċċekja jekk il-meter hux bil-ħsara u jimmoniterja l-konsum. Dan ġie waħħal meter u ser jiċċekkja l-konsum għal ġimgħa sħiħa u ser jagħmel rapport ta' x'ser jirriżulta.

## 5.0 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex bankina li tinsab fi Triq il-Ġnien titbaxxa. Peress li din il-bankina m'ilhiex li saret mis-CMU, sar qbil li għandna nieħdu parir ta' Perit biex inkunu ċerti li ma nagħmlux ħsara lil terzi.

5.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab ukoll biex issir ftit *cement* f'Garden Street quddiem Xuereb Court. Sar qbil li dan isir.

5.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ressaq it-talba sabiex isiru *double yellow lines* faċċata tal-garage tar-residenza Christiana Theuma fi Triq Cordina, peress li dawn in-nies qed isibuha ħafna difficli li jdaħħlu u joħorgu t-trakk tagħhom mid-dar. Sar qbil li għandna napplikaw mat-Transport Malta u jiddeċiedu huma t-tul tal-linji.

5.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ressaq it-talba ta' Josette Zerafa sabiex issir estenzjoni tar-rampa tal-garage tagħha peress li l-karozza qegħda tħokk il-qiegħ. Sar qbil li jsir dan.

5.5 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ressaq it-talba ta' Roseanne Butigieg ta' Triq il-Ġnien sabiex jinbidlu numru żgħir ta' blocks mill-bankina tagħha. Sar qbil li jsir dan.

5.6 Is-Sindku Franco Ciangura talab sabiex tinbidel il-bankina ta' Salvina Zammit fi Triq il-Ġnien. Sar qbil li ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.7 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ressaq it-talba ta' Neville Galea sabiex issir mera fi Triq l-Imġarr. Sar qbil li din għandha tiġi ordnata mad-Dipartiment tat-Toroq peress li hi *main road.*

5.8 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab ukoll sabiex ssir bozza ġdida quddiem ta' Josef Azzopardi fi Triq Dun Spedito Tabone. Peress li hemm talba ta' lampa oħra f'dik it-triq għandna naraw eżatt fejn jinħtieġ isiru u jiżdiedu mal-lista ta' talbiet ta' lampi ġodda.

5.9 Tressqet it-talba li għamel Charlie Saliba sabiex jiżdied id-dawl quddiem l-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dik l-*area* hija tassew mudlama u naraw x'jista jsir.

5.10 Il-Kunsillier Larry Buttigieg staqsa għaliex ser tiġi xxiftjatha l-bozza li wħħlet fi Triq ir-Rgħajjes. Is-sid ta' fejn weħlet ma jridhuwiex u għalhekk ser ikollha tiġi xxiftjatha faċċata.

5.11 Il-kunsillier Peter Caruana rrapporta lampi maħruqa ħdejn il-Banċinu, ħdejn il-pumping station u tnejn ħdejn it-Tmun restaurant.

5.12 Il-Kunsilliera Karen Xuereb talbet sabiex isir *double yellow line* quddiem *garage* li ser jinbidel f'restaurant fi Triq Sant'Antnin. Is-Sindku semma' wkoll li kellu l-istess talba mingħand ir-residenza ta' maġenbu, Frenċu Agius. Għalhekk sar qbil li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex isiru *double yellow lines* quddiem iż-żewg postijiet.

## 6.0 Karnival 2017

6.1 Ġie rivedut il-programm tal-Karnival u r-*running order* tiegħu.

6.2 Is-Sindku propona li siir kukkanja għat-tfal bir-rigali ta' ħelu u xi ġugarelli. Għall-kukkanja tal-kbar sar qbil li nixtru xi laħam, tiġieġ, salami u ġobon.

6.3 Sar qbil ukoll li għandna nagħtu *token* lil dawk l-istudenti li għamlu l-*poster* u jiġu preżentati lilhom dakinhar tal-Karnival.

6.4 Sar qbil li bħala ġurija għall-kompetizzjonijiet għandna naħtru lil Paul Camilleri Cauchi, Mary Portelli u Brian Borg.

6.5 Bħala dwal intbgħatet stima lil Joe Cutajar, Sourcelite u D Illumination Ltd. Il-Kunsill ircieva waħda mingħand Joe Cutajar għall-prezz ta' €400. Sar qbil li għandna mmexxu fuqha.

6.6 Bħala *sound* ser jitqabbad Aurelio Bugeja għall-prezz ta' €300.

## 7.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2016

7.1 Is-Segretarja preżentat il-Financial Statement 2016 kif preparati mill-Awdituri. Hija spjegat kif il-Kunsill spiċċa s-sena 2016 b'bilanċ ta' 29%. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon dan il-fattur u qabel unanimament li japprova dawn il-Financial Statements u li għandhom jintbgħatu minnufih lill-Awdituri, Awditur Ġenerali u lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali.

## 8.0 Ħatra ta' ambaxxatur

8.1 Saret referenza għal fatt li l-applikazzjoni għall-ħatra ta' ambaxxatur taż-żgħażagħ tagħlaq proprju llum, is-16 ta' Frar 2017 u li għaliha daħħlu żewg applikazzjonijiet, dik ta' Ryan Mifsud u l-oħra ta' Bernard Carabott. Peress li daħħlu żewg applikazzjonijiet il-Kunsill qabel li għandu jtella' bix-xorti min ser ikun l-ambaxxatur. Ix-xorti messet lil Ryan Mifsud.

## 9.0 Problema tal-funtana tal-Pjazza tad-Dehra

9.1 Saret referenza għal-laqgħa li nżammet bejn l-Enginier, il-Perit, Silvio Buttigieg tal-Xtreme u s-Segretarja tal-Kunsill biex tiġi identifikata s-soluzzjoni biex il-funtana tiffunzjona tajjeb issa li saret il-ventilation lill-pump room. Sar qbil li l-aħjar soluzzjoni hi li minflok tinxtara pompa oħra żgħira, għandha tinxtara oħra daqs dik eżistenti u l-load għandha tinqasam bejniethom. Is-Segretarja preżentat *sketch* ta' kif ser jaħdmu l-pompi. Il-Kunsill qabel li tiġi mplimentata din il-procedura u li għandu jitlob lill-kuntrattur u l-inġinier jipprovdulna stima tax-xogħolijiet kollha nvoluti.

## 10.0 Proġetti Kapitali

10.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit Edward Scerri rigward il-possibilita' ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-irrangar ta' toroq għall-bdiewa. Huwa semma' li flimkien marru raw Triq il-Brieghen u t-Triq tax-Xatt l-Aħmar. Il-Perit spjega kif Triq il-Brieghen tikkwalifika perfettament filwaqt li għandu d-dubju rigward it-Triq tax-Xatt l-Aħmar peress li diga hi bil-konkrit. Sar qbil li għandna naraw x'jinħtieġ isir biex ndaħħlu l-applikazzjoni tagħna kemm jista jkun malajr. Sar qbil li fl-applikazzjoni għandu jiġu nklużi wkoll l-irranġar ta' ħitan.

10.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-aktar opportunitajiet ta' fondi rurali u huwa rrefera għall-possibilita' li jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjieħ li hemm taħt Chambray. Hawnhekk ġiet diskussa l-possibilita' li naraw kif nistħarrġu biex nagħmlu proġett anke bi sħab ma' xi entita' oħra. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru għal Għawdex sabiex jiġi diskuss dan il-proġett.

10.3 Sar qbil ukoll li għandna nistħarrġu xi fondi sabiex nirranġaw wkoll Triq ta' Sant'Eliju.

10.4 Is-Sindku propona li għandna nagħtu bidu l-proġett tat-trinka u taraġ ta' Pjazza 10 ta' Diċembru sabiex tkun lesta l-ewwel fazi tiegħu sal-festa. Sar qbil li dan għandna napplikaw għalih taħt il-Fondi tal-UIF. Huwa propona wkoll li sal-festa nagħtu uplift lill-Pjazza Tolfa. Gie deciz li sabiex inhaffu l-process neliminaw il-kompetizzjoni u navvicinaw lil Paul Stellini peress li għandu esperjenza vasta ta' Tolfa sabiex ikun hu li jippreparalna *artist impression* tal-post. Sar qbil li għandna nikkuntatjawh u naraw kemm jiswa sabiex jipprepara l-*artist impression*. Sar qbil ukoll li ahna ghandna niltaqghu mieghu sabiex intuh l-ideat taghna.

**11.0 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fid-7:30 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**